MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 426/1997/1

**Avviz numru 426/97DM**

**Anthony u Maria konjugi Sultana**
**Vs**

**Raymond u Anna konjugi Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kawzati fil-pjan terran tal-fond tal-atturi “St. Rita”, Stefano Zerafa Street, Marsa, minn leakage ta’ ilma li kien gej mill-fond taghhom “Josianne”, Triq Stefano Zerafa, Marsa, liema danni gew kkawzati unikament b’tort taghhom minhabba imprudenza, traskuragni u nuqqas ta’ diligenza.

Ghal kull bon fini u ghal fini ta’ kompentenza, jigi dikjarat illi l-ammont ta’ danni kawzati kif fuq inghad ma jaqbezx is-somma ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500).
Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-27 ta’ Dicembru 1996, u ta’ ittri bonarji tal-21 ta’ Novembru 1996 u 24 ta’ Jannar 1997, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1 Jammettu r-responsabbilta’ ghall hsara relattiva, izda jikkontestaw l-ammont pretiz mill-atturi;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tal-15 t’ April 1997 fejn gie nominat l-AIC Rene Buttigieg bhala espert teknku.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-AIC Rene Buttigieg mahlufa fis-27 t’Ottubru 2000 bid-dokumenti hemm annessi u d-deposizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu.

Semghet lill-perit tekniku in eskussjoni;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Stante l-eccezzjoni moghtija mill-konvenuti l-kwistjoni odjerna ma tirrigwardax ir-responsabbilta’ o meno tal-konvenuti ghal hsarat illi sofra l-bini tal-atturi, izda l-kontestazzjoni tirrigwarda biss il-*quantum* tad-danni li ghalihom ghandhom jirrispondu l-konvenuti. Infatti, sa mill-bidu ta’ dawn il-proceduri il-konvenuti kienu offrew ghas-saldu tal-pretenzjonijiet tal-atturi s-somma ta’ Lm150 (mija u hamsin lira Maltin), izda l-atturi kienu ippretendew somma ferm ikbar u infatti kellu anke jigi nnominat perit tekniku sabiex jghamel l-istima tal-hsarat in kwistjoni.

Evidentement ghad-determinazzjoni ta’ din il-kwistjoni, il-Qorti trid toqghod esklussivament fuq il-konkluzzjonijiet tal-espert tekniku billi l-kwistjoni hija wahda purament ta’ natura teknika.

Mid-dokumenti esibiti mill-atturi, kif sewwa osserva l-perit tekniku, (a fol 16 tar-relazzjoni tieghu), l-atturi kienu qed jippretendu kumpens ghall-hsarat illi gew ikkagunati mill-konvenuti f’somma jew ta’ Lm508 (hames mija u tmien liri Maltin) bil-bini ta’ qoxra b’hajt tal-bricks jew ta Lm410 (erba’ mija u ghaxar liri Maltin) bil-bdil tal-hajt ezistenti. Filwaqt li min-naha taghhom il-konvenuti offrew somma ta’ Lm150 (mija u hamsin lira Maltin) ghas-saldu.

Mill-konkluzzjoni raggunti mill-perit tekniku, li din il-Qorti qedgha taddotta u taghmel taghha, jirrizulta illi l-kumpens xieraq li ghalih kienu intitolati l-atturi ghal hsarat ikkawzati mill-konvenuti kien fis-somma ta’ Lm150 (mija u hamsin lira Maltin) li meta wiehed jaqghad maghhom il-VAT fis-somma ta’ Lm22.50 (tnejn u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmi) jwassal ghal figura globali dovuta mill-konvenuti lill-atturi ta’ Lm172.50 (mija tnejn u sebghajn lira Maltin u hamsin centezmi).

Il-perit tekniku espanda iktar fuq dawn il-konkluzzjonijiet fid-deposizzjoni tieghu in eskussjoni fis-seduta ta’ 9 t’Ottubru 2003 u ghalhekk il-Qorti, fil-waqt li tadotta ukoll dawk l-iskjarimenti, tillikwida l-kumpens li ghandhu jithallas mill-konvenuti lill-atturi fis-somma ta’ Lm172.50 (mija tnejn u sebghajn lira Maltin u hamsin centezmi).

Ghal dawn il-motivi tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma indikata ta’ Lm172.50 (mija tnejn u sebghajn lira Maltin u hamsin centezmi).
Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez billi effettivament il-konvenuti sa mill-bidu ta’ dawn il-proceduri kienu digia accettaw ir-responsabbilita ghal hsarat in kwistjoni, u illi kienu gustifikati illi jirrezistu biss it-talbiet tal-attrici ghall-kumpens in eccess tas-somma ta’ Lm172.50 (mija tnejn u sebghajn lira Maltin u hamsin centezmi), l-ispejjez kollha

in konnessjoni ma dawn il-proceduri ghandhom jigu ssopportati in quantu ghal disa’ decimi (9/10) mill-atturi u decima (1/10) parti mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------